

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2019 – IMG vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-645/19)**

(2019/C 399/101)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent: International Management Group (IMG)(Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi u J.-Y. de Cara, avukati)**Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea***Talbiet***Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:**— tiddikjara dan ir-rikors bħala ammissibbli u fondat;**konsegwentement:*

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2019 li tistabbilixxi l-miżuri ta' implejtaazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Jannar 2019 fil-Kawżi magħquda C-183/17 P u C-184/17 P, IMG vs Il-Kummissjoni (EU:C:2019:78);*
- tikkundanna lill-konvenuta tħallas il-kumpens għad-danni materjali u moral;*
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.*

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħi, ir-rikorrent jinvoka motiv uniku, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 266 TFUE, fuq il-ksur tar-res *judicata* marbuta mas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2019, International Management Group vs Il-Kummissjoni (C-183/17 P u C-184/17 P, EU:C:2019:78), fuq il-ksur tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-2012 u fuq il-ksur tal-prinċipi ta' għoti ta' ġurisdizzjoni u ta' ċertezza legali.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2019 – Brands Up vs EUIPO (Credit24)**(Kawża T-651/19)**

(2019/C 399/102)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż***Partijiet***Rikorrenti: Brands Up OÜ (Tallinn, l-Estonja) (rappreżentant: M. Welin, avukat)**Konvenut: L-Uffiċċċu tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)***Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Trade mark kontenjuža: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni “Credit24” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 941 316

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Lulju 2019 fil-Każ R 465/2019-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralijogħobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tirreġistra t-trade mark tal-Unjoni Nru 17 941 316;
- tordna li t-terminu “kyseenalainen” (“dubjuż”) jitneħħha mid-deċiżjoni tal-Examinatur tal-EUIPO tal-20 ta' Diċembru 2018, p. 1;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001;
- Ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' koerenza tal-ġurisprudenza.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2019 – Evolution - Engenharia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-652/19)

(2019/C 399/103)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Evolution - Engenharia SA (Amadora, il-Portugall) (rappreżentanti: M. Marques Mendes, R. Campos, A. Dias Henriques, M. Troncoso Ferrer u C. García Fernández, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralijogħobha:

- tilqa' r-rikors u tannulla d-deċiżjoni fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.